MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Numru. 826/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond Micallef**

**vs**

**Daniela Spiteri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Daniela Spiteri u detentrici tal-karta tal-identita` numru 22282(M).

Akkuzata talli:

Nhar it-3 ta’ Mejju 2011 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Ligijiet ta’ Malta Kapitolu 9 u cioè;

Talli nhar it-3 ta' Mejju 2011, ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija, f'dawn il-Gzejjer u cioè minn gewwa l-fond Agenda Book Shop li jinsab gewwa l-iSptar Mater Dei, Msida, kkommettiet serq ta' apparat elettroniku tax-xaghar tal-marka Remington, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) u li sar ghad-detriment ta' Miller Distributors Limited u/jew ta' persuna jew persuni ohra;

Talli nhar l-24 ta' Frar 2011, ghall-habta ta' nofs inhar, f'dawn il-Gzejjer u cioè minn gewwa l-fond Agenda Book Shop li jinsab gewwa l-iSptar Mater Dei, Msida, kkommettiet serq ta' apparat elettroniku tax-xaghar tal-marka Remington, liema serq sar ghad-detriment ta' Miller Distributors Limited u/jew ta' persuna jew persuni ohra;

Talli saret recediva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mill-Qorti ta' Malta datata nhar is-7 ta' Lulju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

U finalment talli kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilha mill-Qorti ta' Malta datata nhar il-5 ta' Frar 2010.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja u l-ezami tal-imputata li rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontriha salv l-addebitu tar-recediva, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat il-fakolta sabiex tkun tista' tirregola ruha;

Rat illi l-imputata ghandha l-addebita tar-recediva izda l-partijiet qablu illi din ma tapplikax stante li l-piena li kienet inghatat kienet wahda taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446; u

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 17h, 49, 50, 289, 279(a) tal-Kap 9 u l-Artikolu 22 Kap 446 qed issib lill-imputata Daniela Sptierihatja tal-akkuzi kollha kif dedotti

kontriha hlief l-addebitu tar-recediva u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 qed tpoggiha taht Probation Order ghal zmien sentejn (2) u ghal dak li jirrigwardja l-akkuza tal-ksur tal-Artikolu 22 Kap 446 u cioe` l-hames akkuza qeghda tpoggiha taht Probation Order ghal zmien ulterjuri ta' sena li komplessivament ghandha tibqa' taht Probation Order ghal zmien tlett (3) snin.
Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------